MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 306/2004

Kawza fil-lista: 38

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta’ Dicembru 1982 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed jismu Jeremy B, illum maggorenni;

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenut ta’ l-kunsens tieghu ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt

ghall-att taz-zwieg izda ghamel dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga tieghu u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess ukoll li l-kunsens tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu A, Artikolu 19(1) tal-Kap 255;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: illi huwa minnu li hemm lok li z-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi dikjarat null izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Illi l-attrici tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg ta' bejn il-partijiet bl-eskluzzjoni ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut huwa null fil-ligi stante li l-

kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a],[d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel li z-zwieg huwa null, jeccepixxi n-nullita’ in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafu [f] fil-konfront ta’ l-attrici.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet zzewwgu fit-18 ta’ Dicembru 1982 meta allura l-attrici kellha 19 il-sena u l-konvenut 27 sena, u wara gherusija ta’ circa 3 snin. Minn dan iz-zwieg twieled tifel li llum huwa maggjonrenni. Il-partijiet sseparaw f’ Settembru 2000 wara konvivenza twila. Illum il-gurnata it-tnejn li huma qedin jghixu separatament mal-“partners” rispettivi taghhom.

Illi in sostanza l-attrici qeda tibbaza l-kaz taghha fuq l-incertezza li hija allegat li kellha qabel iz-zwieg u l-pressjoni li kienu esercitaw il-familjari taghha biex tizzewweg lill-konvenut. Issostni wkoll li hija kienet immatura biex tidhol ghal hajja matrimonjali.

Illi rigward il-kawzali bazata fuq il-vis et metus, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li biex il-kunsens ikun ivvizjat bil-vjolenza jew bil-biza’ fis-sens tal-ligi jehtieg li dik il-vjolenza jew biza tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens, izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsesns. *Il matrimonio e’ nullo se si celebra per timore, e non e nullo se si celebra con timore [Bersini][ App.C. C Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* fejn_saret referenza ghall-esposizzjoni dottrinali maghmula fis-sentenza **PA Carmel Camilleri vs Teresa Camilleri – 3.10.1995*]

Inoltre biex il-vjolenza morali tammonta tivvizja l-kunsens jehtieg li din tahkem fuq persuna ragjonevoli, u ggeghlha tibza’ li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqegheda ghal xejn b’ xejn f’ perikolu ta’ hsara kbira [Art.978[1]. Fi kliem iehor il-pressjoni jew vjolenza jehtieg li jkunu determinanti, ingusti u gravi. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom hjigu mehuda in

konsiderazzjoni l-eta’, is-sess u l-kondizzjoni tal-persuna [Art.978[2]. It-termini “pressjoni” u “vjolenza” huma ekwipollenti ghal xulxin gjaladarba jista’ jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita [*App.Emanuel Falzon vs Anthony Farrugia – 21.04.1997*]

Il-biza trid tkun ta’ certu portata b’ mod li tkun tista’ tidditermina kompletament l-ghoti tal-kunsens. Jehtieg ghalhekk li jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dak li pprecedew iz-zwieg kif ukoll dawk aktar vicin u qrib id-data taz-zwieg. Hemm pressjoni jew vjolenza li jivvizjaw il-kunsens meta dawn jirriflettu u jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni mentali tal-persuna tant li din ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq, u biex tevita l-minaccja ta’ dannu gravi, taghzel u taghmel dak li jiddetalha jew jrid haddiehor. [*PA[PS] Denise Borg vs Christopher Borg – 21.10.2002*]

Fil-kaz in dizamina u b’ applikazzjoni tal-principji premessi il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li kien hemm cirkostanzi ta’ vjolenza jew ta’ biza’ li jintegraw dan il-*caput nullitatis*. Il-fatt li qabel iz-zwieg parti tkun taht ansieta’ anke grad ta dubju akkompanjati minn tentattivi ta’ perswazjoni da parti tal-genituri ma jwasslux ghan-nullita’ jekk ma’ jkunx hemm ir-rekwiziti tal-vjolenza jew tal-biza’ skond il-kriterji suesposti. Ghaldaqstant din il-kawzali ma treggiz stante li mhux sostnuta mill-provi.

Illi rigward il-kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [d] l-attrici ssostni li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni fit-termini ta’ dan l-Artikolu. Jigi osservat li dan manifestament ma jirrizultax la fil-konfront tal-konvenut u lanqas fil-konfront ta’ l-attrici. F’ dan ir-rigward huma rilevanti s-segwenti kiterji guridici esposti mill-gurisprudenza interpretattiva:

La decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta’ immaturita’ ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ maturita’ jew edukazzjoni, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u

dmirijiet essenzjali taz-zwieg [ *PA Melanie Borg Cardona vs C Borg* deciza 29.10.2003] [vide ukoll *App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg* deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "*non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[1] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra].*

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attur jew il-konvenuta kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat.

Illi it-tielet kawzali sollevata mill-attrici fil-konfront tal-konvenut, u mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, hija bazata fuq il-kontenut tal-para.[f] tal-Art.19[1] li jikkontempla l-kaz ta' vizzju ta' kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll anomalija psikolgika serja li timpedixxi b'mod assolut lill-parti mill-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet matrimonjali

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.C Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala colorem habens substantiam vero nullam li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*]

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa’ dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jhigi ppruvat.

Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f’ din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b’ att posittiv tal-volonta’ taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg .

Jinghad mill-ewwel li mill-provi ma jirrizulta xejn li jindika li din il-kawzali treggi la fil-konfront ta’ l-attrici u wisq anqas fil-konfront tal-konvenut. Il-Qorti hija sodisfatta li l-provi juru li fil-mument tal-kunsens matrimonjali huma riedu li jinghaqad fiz-zwieg bl-obbligi u drittijiet li dan jimporta. Inoltre, ma tirrizulta ebda prova li tindika xi anomalija psikologika da parti ta’ xi part fit-termini tal-paragrafu [f]. Il-provi ammessi juru li maz-zmien l-attrici tilfet il-gibda li kellha lejn il-konvenut bir-rizultat li eventwalment dahlet il-bruda bejniethom li wasslet ghas-separazzjoni bejn il-partijiet wara snin twal ta’ konvivienza, u li llum qed jighixu mal-partners rispettivi taghhom. Ghaldaqstant lanqas din il-kawzali ma treggi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss."  Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat.  Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987,* citata b' approvazzjoni *PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002*]

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------